**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' April 2025**

**<u>Rikors nru : 182/2025 AGV fl-ismijiet;</u>**

**G G**

**vs**

**JG**

Il-Qorti ;

Rat ir - Rikors ta' divorzju ta'  GG

Tesponi bir-rispett:

1. Illli l-partijiet izzewwgu fit-tmienja u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u tnax (28.04.2012) u dana skont kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok A**.  Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, A  li twieled fit-tlettax ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (13.03.2014) u M  li twieldet fit-tlieta ta' Lulju tas-sena elfejn u tmientax (03.07.2018).

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Dottor Roland Wadge li gie ppubblikat fit-tmienja u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (28.08.2024) liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala **Dok B**.  Izda l-partijiet kien ilhom separati *de facto* minn Marzu tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024).

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni.  Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet ghamlu dikjarazzjoni ta' rinunzja reciproka fejn jidhol il-manteniment tal-mizzewwgin u dana skont ir-raba' (4) klawzola fit-tielet (3) pagna tal-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk konsegwentament ma hemm l-ebda manteniment tal-mizzewgin dovut.

4. Illi fejn jidhol il-manteniment tal-minuri A  u  M   , l-intimat  JG   ihallas is-somma mensili ta' mija u hamsin Ewro (€150) ghaz-zewgt itfal minuri (vide l-klawzola ghaxra punt wiehed (10.1) tal-kuntratt) b'mod regolari u ma hemm l-ebda arretrati.

5. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit taghha hawn anness u mmarkat bhala **Dok C** ;

6. Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'P'.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

GHALDAQSTANT ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna illi r-rikorrenti, GG  tirriverti ghal kunjom xbubitha, **ossia, P**

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u l-bdil fil-kunjom tar-rikorrenti biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta tal-intimat datat  22 ta ' April  2025;**

1. Illi  hu  m'  ghandux oggezzjoni ghat- talba tad-divorzju
2. In vista ta' dan  ,  l-intimat   qed jitlob li ma ghandux ibati l-ispejjez.
3. Salv provvediment  iehor  li  dil-Qorti ,  jidhrilha opportun  u xierqa li  taghti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet iccelebrat nhar fit- 28 ta' April 2012

Tawtorizza lil attrici biex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe P .

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**